MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru. 171/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**KONTRA**

**SANDRO DEGABRIELE ta’ 33 sena, iben Peter u Mary Anne nee’ Camilleri, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-21 ta’ Marzu, 1979, residenti fil-fond numru 80, Triq San Frangisk, Bormla; jew fil-fond numru 50, Triq l-Imtarfa, l-Imtarfa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 168979M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Sandro Degabriele** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta’ Frar, 2008, ghall-habta ta’ fil-ghaxija, ikkommetta serq ta’ forklifter ta’ l-ghamla Toyota, minghajr numri tar-registrazzjoni, liema ngenju kien ipparkeggjat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta’ Mario Camilleri u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentemenet f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement b’kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom,;

3. U aktar talli nhar is-26 ta’ Frar, 2008, ghall-habta ta’ fil-ghaxija, f’dawn il-Gzejjer, saq forklifter ta’ l-ghamla Toyota, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kienx kopert mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni;

4. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mis-17 ta’ Mejju, 2007; u mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-14 ta’ Gunju, 2007.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjoniijet.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

L-Artikoli 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti huma ferm skarsi, tant illi jirrizulta li ttiehdet stqarrija li giet prezentata - li pero hija wahda li ttiehdet minghajr dritt ta’ assistenza legali. L-Ispettur Jesmond Borg spjega fix-xhieda tieghu kemm dak li qallu certu Joseph Debono, kif ukoll dak li qallu Sandro Degabriele - li multo magis ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni fuori d-drittijiet lilhom moghtija.

Illi xehed certu Adrian Figallo li ghalkemm gharaf il-forklifter - issa fil-pussess tal-pulizija, ma pprezenta ebda forma ta’ dokumentazzjoni li turi ta’ min kien l-istess forklifter.

Per parentesi lanqas jirrizulta li kienet il-kumpanija li fil-fatt irrapurtat in-nuqqas ta’ din il-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju ta’ xejn dan il-forklifter instab ghand l-imputat, pero din il-Qorti la ghandha prova certa ta’ meta gie ghandu; u lanqas kif, ghalkemm il-pussess tieghu huwa ferm dubbjuz. Lanqas ma hi komda l-Qorti taddotta t-teorija ta’ “*recent possession*” f’dan il-kaz, ghax verament qed tahdem fuq provi skarsi. In vista ta’ hekk, din il-Qorti qed tilibera lil Sandro Degabriele mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------